# ID-DAWL

JANNAR 2021

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 37



"Min jonfoq xi nefqa għal Alla,
jinkitiblu ħlas ta' seba'
mitt darba aktar."

It-Tama | L-Għożża lejn l-Umanità | Għotja ta' Rigali | L-Ugwaljanza tal-Ġeneri

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IT-TAMA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Is-sena 2020 kienet sena mimlija ġrajjiet b'tant affarijiet ġodda li d-dinja qatt ma immaġinathom qabel. Il-pandemija tal-Covid-19 biddlet l-istruttura sħiħa tad-dinja. Ġabet magħha metodi u ideat ġodda ta' kif ngħixu, naħdmu u naġixxu ma' xulxin. Rajna rivoluzzjoni fit-teknoloġija, l-ekonomija dinjija sofriet immens u l-faqar żdied bil-kbir. Bla dubju ta' xejn, is-sena 2020 tibqa' mfakkra għal ġenerazzjonijiet sħaħ.

Bil-barka ta' Alla u bit-tħabrik iebes tal-esperti mediċi, fl-aħħar qed nilmħu r-raġġi ta' tama u dawl fit-tarf tal-mina tal-pandemija tal-Covid-19.

Ejja nibdew l-2021, din is-sena l-ġdida, b'talb sinċier u tama kbira.

Jalla Alla Omnipotenti jagħmel din is-sena u tassew kull sena ta' warajha, waħda paċifika, mimlija risq u saħħa għall-umanità kollha. Ammen.

## ID-DAWL

Jannar 2021 – Numru 37 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| The hope | 02 |
| Caring for Humanity | 03 |
| Gift Hampers | 04 |
| Gender Equality in Islam | 06 |
| Achieving Perfection | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Leszek Kobusinski | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# L-GĦOŻŻA LEJN L-UMANITÀ

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jistqarr: **"Huwa kontra l-prinċipji tal-moralità li ma ngħinux lil xi ħadd li jkun muġugħ u mnikket."**

B'rispett lejn dawn il-prinċipji sodi, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta wriet is-solidarjetà tagħha ma' nies f'diversi djar, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltà; fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għal Persuni b'Diżabbiltà u qabel l-istaġun tal-festi.

Tul ix-xahar ta' Diċembru, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana żaret diversi postijiet u ppreżentat għadd ta' ħempers bħala rigali. Dan sar bil-għan li l-ħampers jitqassmu lin-nies u lill-familji li qed jibbenefikaw mis-servizzi offruti minn dawn id-djar.




L-Imam Laiq Ahmed Atif u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta jippreżentaw il-pakketti tar-rigali lill-Patri Dijonisju Mintoff, il-fundatur tal-Laboratorju tal-Paċi, sabiex jitqassmu fost ir-residenti.

# GĦOTJA TA' RIGALI




## San Blas, Caritas Malta

L-Imam Laiq Ahmed Atif u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jippreżentaw rigali lis-Sinjur Anthony Gatt, id-Direttur ta' Caritas Malta.



## The Millennium Chapel

L-Imam Laiq Ahmed Atif u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jippreżentaw il-pakketti tar-rigali lill-amministrazzjoni tal-Millennium Chapel.



## Dar il-Kaptan

L-Amministratur ta' Dar il-Kaptan, is-Sinjur Silvan Magro, jirċievi d-donazzjoni tal-kejkijiet u ċ-ċikkulati mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.

## Fondazzjoni Wens



Id-Direttur ta' Fondazzjoni Wens, is-Sinjur Ronald Galea, jirċievi d-donazzjoni tal-kejkijiet u ċ-ċikkulati mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.




## Id-Dar tal-Providenza

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta tippreżenta l-ħempers bħala rigal sabiex jitqassmu fost ir-residenti tad-Dar tal-Providenza.

# L-UGWALJANZA TAL-ĠENERI FL-IŻLAM

__Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat__

Jingħad ħafna drabi li n-nisa huma meqjusa bħala inferjuri mill-irġiel fl-Iżlam; li t-tagħlim tal-Koran Imqaddes iqiegħed lin-nisa fi grad inqas mill-irġiel.

Huwa importanti li ninnutaw li l-irġiel u n-nisa mhumiex maħluqa l-istess. L-irwoli u l-funzjonijiet tagħhom huma preskritti skont il-ġeneru tagħhom. Allura għalfejn ninsistu li l-irġiel u n-nisa għandu jkollhom irwoli identiċi? Huwa ħafna drabi kkunsidrat li billi n-nisa ma jistgħux ikunu Imami jew minħabba li tradizzjonalment huma marbuta mad-dar mela għandhom ikunu inferjuri għall-irġiel.

Ħafna drabi l-kritiċi tal-Iżlam isostnu li l-Koran Imqaddes iqiegħed lill-irġiel f'livell superjuri għan-nisa l-għaliex huma jitqiesu bħala l-protetturi tagħhom. Imma dana ma jfissirx li l-irġiel għandhom il-privileġġi fuq in-nisa. Fil-fatt, dan jitfa' aktar responsabbiltà fuq l-irġiel. Mhumiex l-atti fiżiċi u r-responsabbiltajiet tal-irġiel u tan-nisa li huma ta' importanza massima fl-Iżlam, iżda pjuttost hija l-ispiritwalità tagħhom li hi ta' importanza ewlenija.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes li:

> **"Iżda kull min iwettaq għemejjel tajba, kemm jekk raġel kemm jekk mara, u jemmen, dak li se jidħol il-Ġenna, u ma jsirux inġustizzji miegħu lanqas daqs il-ħofra żgħira fuq wara ta' żerriegħa tat-tamal."** (4:125)

"U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili u ugwali għal dawk (tal-irġiel) fl-ekwità." (Il-Koran, 2:229)

"Ġibu ruħkom magħhom (man-nisa) bi tjieba; u jekk toboghħduhom, jista' jkun li toboghħdu xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ġid kbir." (Il-Koran, 4:20)

Fl-Iżlam, huma l-għemejjel tal-individwu li jiġu kkunsidrati u d-dħul fil-Ġenna ta' wieħed li jemmen ikun meqjus fuq din il-bażi. Alla jagħmilha ċara fil-Koran Imqaddes li fidil raġel huwa ekwivalenti għal fidila mara. Mara mhix se tiġi kkastigata talli ma mexxietx it-talb u lanqas raġel mhu se jiġi kkastigat talli ma kienx kapaċi jwelled it-tfal. Għaldaqstant, ta' min jinnota li fejn għandha x'taqsam l-ispiritwalità, l-irġiel u n-nisa huma ugwali.

L-Iżlam jgħallem li l-irġiel u n-nisa għandhom jingħataw l-istess opportunitajiet. It-tfal għandhom jiġu mgħallma u mħarrġa bl-istess mod. Is-subien ma għandux ikollhom opportunitajiet aktar mill-bniet. Dak li jkun provdut għas-subien għandu jiġi provdut ukoll għall-bniet. Għalhekk, hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jassiguraw li ma jitbegħdux mit-tagħlim veru tal-Iżlam jew jiġu influwenzati mill-kultura u jqiegħdu lill-bniet tagħhom fi żvantaġġ.

Jekk aħna bħala soċjetà naqgħu fl-iżball li minħabba li l-irġiel u n-nisa għandhom irwoli differenti dawn ma jitqisux bħala ugwali, mela aħna nkunu l-akbar għedewwa tagħna stess u nwaqqfu l-iżvilupp tas-soċjetà. Jekk insegwu t-tagħlim veru tal-Iżlam, insibu li d-differenza fl-irwoli toħloq bilanċ f'saħħtu fis-soċjetà u moviment armonjuż, u fl-istess waqt iżżomm l-ugwaljanza bejn iż-żewġ ġeneri.

## IL-KSIB TAL-PERFEZZJONI

Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega kif wieħed jista' jikseb il-perfezzjoni billi jgħid:

"Il-fatt hu li l-bniedem inħalaq għal għan ferm ikbar.

L-astinenza mid-dnub weħidha mhix xi bravura enormi. Ħafna annimali ma jwettqu l-ebda dnub, allura dawn jippretendu li huma perfetti?

Nistgħu aħna nippretendu li niġu ppremjati minn xi ħadd minħabba l-fatt li ma nkunu għamilnielu l-ebda deni?

Le, tassew; huma l-għemejjel magħmula b'mod sinċier li jwasslu lil xi ħadd biex ikun jistħoqqlu li jiġi ppremjat. Is-servizz li l-bniedem għandu jagħti lil Alla huwa li jkun fil-pussess Tiegħu biss, li jwarrab l-imħabba għal kulma jeżisti għall-imħabba Tiegħu biss, u li jċedi r-rieda tiegħu għar-Rieda ta' Alla.

Il-Koran Imqaddes ifisser dan b'eżempju sabiħ: L-ebda fidil ma jista' jikseb il-perfezzjoni jekk ma jkunx daq minn żewġ sustanzi. L-ewwel waħda hija sustanza li tnaqqas ix-xewqa għad-dnub, imsejħa mill-Koran Imqaddes bħala *'l-Eliżir tal-Ganfra'*, u t-tieni sustanza, li timla l-qalb bl-imħabba ta' Alla, hija deskritta mill-Koran Imqaddes bħala *'l-Eliżir tal-Ġinġer'*."(i)

(i) Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Ruhani Khazain* V. 20, p. 234-235.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**